# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 57/20/2 BS**

**L-Avukat Alfred Grech għan-nom u rappreżentanza tal-imsiefra Daniela Finardi**

**v.**

**Raymond Grech**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Raymond Grech minn sentenza parzjali mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) fit-2 ta' Marzu, 2021, fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tiegħu dwar l-inkompetenza ta' dik il-

Qorti biex tistħarreġ din il-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-24 ta' Awwissu, 2020, l-avukat Alfred Grech fisser li fl-1 ta' Frar, 2019, il-mandanti tiegħu, Daniela Finardi, kienet kriet mingħand il-konvenut Raymond Grech, il-fond bl-isem '*Tal-Gelegis*', fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem. L-avukat Grech *nomine* jgħid li Daniela Finardi kienet bdiet tuża dan il-post bħala r-residenza ordinarja tagħha, però minħabba l-pandemija maħluqa bil-COVID-19, hija kellha tqatta' xi żmien fl-Italja. Jallega li fl-1 ta' Ġunju, 2020, il-konvenut Raymond Grech qabad u biddel is-serratura tal-post u b'hekk huwa ġie li ċaħħad lil Daniela Finardi milli tidħol fil-post, fejn kien hemm il-mobbli u l-effetti personali tagħha.

3. L-avukat Grech *nomine* jisħaq li minħabba dan l-aġir abbużiv u illegali tal-konvenut, il-mandanti tiegħu Daniela Finardi ma tistax tagħmel użu mill-post mikri lilha għal skopijiet ta' ospitalità kummerċjali u b'hekk ma tistax tonora l-prenotazzjonijiet ta' kera li hija ntrabtet ma' terzi u lanqas ma tista' tipprenota kirjiet ġodda. Dan kollu skont l-avukat Grech *nomine* qed iwassal biex Daniela Finardi qiegħda ġġarrab kemm danni attwali u kif ukoll telf ta' qligħ.

4. Minħabba f'hekk, l-avukat Alfred Grech f'isem il-mandanti tiegħu, talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sabiex:

> *«1. TIDDIKJARA u tiddeċiedi li l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni konsistenti minħabba l-aġir abbużiv u illegali tiegħu, fin-nuqqas ta' użu tal-fond bħala mezz ta' qligħ kif kien previst, fil-kirja oriġinali, f'lucrum cessans u damnum emergens;*
>
> *2. TILLIKWIDA d-danni kollha hekk sofferti mill-attriċi, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominadi;*
>
> *3. TIKKUNDANNA lill-intimat iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat in subizzjoni.»*

5. Il-konvenut Raymond Grech wieġeb għal dan ir-rikors maħluf fil-15 ta' Settembru, 2020, u ressaq għadd ta' eċċezzjonijiet. Fosthom kien hemm it-tieni eċċezzjoni li kienet taqra hekk:

> *«Illi preliminarjament qiegħda tiġi eċċepita l-[in]kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante li din hija kwistjoni li hekk kif jidher ċar temani minn kuntratt ta' kera u għalhekk il-foro kompetenti hu l-Bord li Jirregola l-Kera u mhux din l-Onorabbli Qorti.»*

6. Fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2021, intlaħaq qbil bejn il-partijiet, li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kellha l-ewwel tagħti sentenza parzjali dwar din l-eċċezzjoni marbuta mal-inkompetenza tagħha biex tqis din il-kawża.

7. B'sentenza parzjali mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ċaħdet din l-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza tagħha. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaliex

iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

> *«Din hija sentenza fejn il-Qorti ser tittratta u tiddeċiedi t-tieni eċċezzjoni preliminari imressqa mill-konvenut fis-sens li din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza li tisma u tiddeċiedi t-talbiet attiċi billi dawn jaqgħu fil-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera.*
>
> *L-ewwel nett il-Qorti tosserva li l-kompetenza tal-Qorti tiġi qabel xejn determinata mit-termini tat-talbiet u l-premessi għalihom, kif ukoll, s'intendi, mit-termini tal-eċċezzjonijiet li jitqajmu b'oppożizzjoni għall-istess talbiet[1].*
>
> *Fil-kamp tal-kera l-Qrati tagħna diġà kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-problematika li ta' sikwit qed tinħoloq b'dan it-tip ta' dispożizzjonijiet legali fejn ħafna ħin prezzjuż tal-Qrati qed jinħela fl-analiżi ta' kwistjonijiet preliminari naxxenti proprju mit-test ambigwu ta' dawn l-artikoli li l-għan tagħhom huwa li jistabilixxu punt kardinali u sempliċi bħalma għandha tkun il-kompetenza rationae materiae tad-diversi Qrati u Tribunali. Infatti fl-Att X tal-2009 ma hemm xejn inqas minn tliet provvedimentli li jittrattaw is-suġġett dwar il-kompetenza tal-Bord, u ċjoè l-Artikoli 2, 38 u 39(5). F'dawn l-istess provvedimenti hemm sitwazzjonijiet fejn it-test Ingliż ma jirriflettix it-test Malti. Il-Qorti hi tal-fehma li jkun għaqli li l-leġislatur jintervjeni sabiex il-materja tal-kompetenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tigi regolata minn provvediment wieħed tal-liġi li jkun ċar u li ma joħloqx il-problemi li l-imsemmija provvedimenti qegħdin joħolqu. Il-posizzjoni attwali tidher li qiegħda sservi biss għal inċertezza u telf ta' żmien għal min ikun kostrett jipproponi proċeduri ġudizzjarji f'kwistjonijiet fejn is-suġġett hu l-kiri ta' fond urban[2].*
>
> *Insibu wkoll li l-Artikolu 1525 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-Bord li Jirregola l-Kera għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar għall-abitazzjoni u ta' fond kummerċjali.*
>
> *L-Artikolu 16(4) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini jipprovdi li huwa l-Bord li għandu jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan ai termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja.*
>
> *Madankollu llum huwa ċar li l-każistika nostrana interpretat b'mod konsistenti l-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera bħala wahda*

---

[1] *Ara sentenza* ***Joseph Bugeja et v. Alfred Camilleri****, deċiża 6 ta' Ottubru, 2004, Appell Ċivili.*

[2] ***Salvatore Bartolo et v. Anthony Deguara****, deċiża 16 ta' Diċembru, 2015, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).*

*ċirkoskritta għal dawk il-kwistjonijiet naxxenti minn kuntratti ta' kera.*

*Fil-każ odjern huwa ben ċar illi t-talba ta l-attriċi hija wahda għal danni, liema danni huma naxxenti mill-colpa aquiliana. Hija qed titlob għal likwidazzjoni ta lucrum cessans u damnum emergens liema materja taqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti li ser tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut.»*

8. B'digriet mogħti fil-21 ta' Mejju, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat permess lill-konvenut Raymond Grech taħt l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex ikun jista' jappella minn din is-sentenza parzjali.

9. L-appell tal-konvenut Grech ġie mressaq fl-10 ta' Ġunju, 2021 u fih huwa saħaq li l-*forum* kompetenti biex jiddeċiedi din il-kawża huwa l-Bord Li Jirregola l-Kera u mhux il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). Għalhekk huwa talab lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tilqa' t-tieni eċċezzjoni tiegħu.

10. L-avukat Alfred Grech f'isem il-mandanti tiegħu wieġeb għal dan l-appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn jemmen li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud.

11. Inżamm smigħ fl-20 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-aggravju waħdieni li għandha quddiemha din il-Qorti jmiss mal-kwistjoni fuq min bejn il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u l-Bord Li Jirregola l-Kera, għandu l-kompetenza bil-liġi li jiddeċiedi l-kawża mibdija mill-avukat Alfred Grech *nomine* dwar id-danni attwali u t-telf ta' qligħ, li Daniela Finardi qiegħda tallega li ġarrbet minħabba li l-konvenut ċaħħadha mill-aċċess u mill-użu tal-post mikri lilha meta biddel is-serratura tal-bieb.

13. Fuq naħa minnhom għandek lill-appellant Raymond Grech, li qiegħed itenni fl-appell tiegħu, li dan il-każ jista' jiġi mistħarreġ biss mill-Bord Li Jirregola l-Kera, ladarba r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tinsab imnissla minn kuntratt ta' kiri. Filwaqt li min-naħa l-oħra, għandek lill-avukat Alfred Grech *nomine*, li fit-tweġiba tiegħu għall-appell, qiegħed isostni li s-sies tal-azzjoni tiegħu mhijiex mibnija fuq ksur ta' rabta kuntrattwali iżda hija mibnija fuq danni minħabba l-imġiba abbużiva tal-konvenut appellant, li qabad u biddel is-serratura tal-post mikri lill-mandanti tiegħu u b'hekk ċaħħadha milli tkun tista' tinqeda bih.

14. Din il-Qorti tibda billi tgħid illi li ladarba s-setgħa li Qorti tisma' kawża toħroġ mil-liġi, kull deroga li żżommha milli tkun tista' twettaq dik

is-setgħa tagħha trid tkun waħda espressa u mogħtija tifsira dejqa (ara ***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Zarb noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952 u ***Stanley Sullivan et v. Stephen Browning Gilmour et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2013). Mill-banda l-oħra però, wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Gaetana Ghiller et v. Michael Ebejer et***, maqtugħa fl-20 ta' Jannar, 2008, li materja ta' kompetenza hi ta' ordni pubbliku u l-liġijiet li jirregolawha jridu jiġu strettament applikati. Wara kollox, il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tal-Qorti ma tistax tiġi deċiża fuq bażi ta' ekwità jew konvenjenza.

15. Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) għandhom s-setgħa li jaqtgħu u jiddeċiedu kull materja ta' natura ċivili. Dan hu hekk sakemm din is-setgħa ma tkunx riżervata b'liġi '*ad hoc*' lil xi tribunal jew bord speċjali (ara ***Saviour Mifsud et v. Alfred Lucia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju, 2004).

16. Il-qsim tal-kompetenza tal-qrati u t-tribunali hija materja ta' ordni pubbliku u l-partijiet ma jistgħux jaqblu dwar quddiem liema qorti jressqu t-tilwima tagħhom. Dan għaliex kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Anthony Azzopardi et v. Dorsi Behag et*** deċiża fil-5 ta' April,

2013,

> *«il-kompetenza tad-diversi tribunali tal-istat Malti hija regolata b'liġi, u mhux kompitu ta' xi qorti li tasserixxi kompetenza li mhux tagħha. Ir-regoli ta' proċedura huma ta' ordni pubblika u jeħtieġ li jiġu segwiti skont id-dettami espressi tagħhom, u ma jistgħux jiġu interpretati skont ix-xewqa tal-partijiet.»*

17. Sewwasew fil-każ tagħna l-appellant Raymond Grech qiegħed jisħaq fl-appell tiegħu, illi ladarba t-tilwima mqanqla mill-avukat Alfred Grech *nomine* fir-rikors maħluf tiegħu, għandha x'taqsam ma' kuntratt ta' kiri, allura tali tilwima taqa' fil-kompetenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera.

18. Din il-Qorti tosserva li l-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera ġiet imwessa' ħafna bl-emendi li seħħew fl-**Artikolu 1525(1) tal-Kodiċi Ċivili** permezz tal-**Att X tal-2009** u tal-**Att XXVIII tal-2019**. Peress li din il-kawża saret fl-2020 allura din hija regolata bil-liġi kif inhi llum.

19. Skont il-verżjoni attwali tal-**Artikolu 1525(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-Bord li Jirregola l-Kera għandu l-kompetenza bil-liġi li jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani, sew jekk dawn ikunu residenzjali u sew jekk dawn ikunu kummerċjali.

20. Minbarra dan, il-liġi żżid tgħid ukoll li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord: (i) il-kawżi li jolqtu l-okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn dawn il-kirjiet ikunu ntemmu u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dak il-perjodu ta'

okkupazzjoni; (ii) it-talbiet marbuta ma' manutenzjoni, tiswijiet, difetti u ħsarat tal-fond inklużi dawk moħbija; (iii) talbiet dwar ħsarat jew miljoramenti; (iv) talbiet dwar ammonti pendenti li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi tad-dawl u ilma; u (v) talbiet dwar kwalunkwe ammonti depożitati bħala garanzija mill-inkwilin.

21. Dak li l-liġi però speċifikatament teskludi mill-kompetenza tal-Bord huma l-kwistjonijiet dwar il-validità ta' kuntratt ta' kiri. Ifisser dan, li jekk xi ħadd irid jattakka s-siwi ta' kuntratt ta' kiri, bħal ngħidu aħna minħabba vizzju fil-kunsens, dan irid jagħmlu quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u mhux quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera.

22. Illi f'dan il-kuntest, huwa minnu dak imtenni mill-Ewwel Qorti, illi l-problemi dwar liema *forum* għandu s-setgħa li jisma' tilwima bejn kerrej u sid dwar il-kirja kienu kaġun ta' għadd bla qies ta' deċiżjonijiet. Madankollu kif ingħad dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Angela Ellul et v. Peter Ellul et*** deċiża fl-24 ta' Ottubru, 2019, l-emendi li saru fil-liġi tal-kera kienu maħsuba biex ir-regola ġenerali tkun, li l-Bord Li Jirregola l-Kera għandu jkollu l-kompetenza li jisma' kull kwistjoni li tmiss ma' kirja ta' fond urban, fond ta' abitazzjoni u fond kummerċjali, b'dana għalhekk illi hija l-eċċezzjoni li l-Bord għandu jitqies bħala li mhuwiex kompetenti (ara wkoll ***Catherine Darmanin et v. Miriam***

***Cutajar Fiorini et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Diċembru, 2015).

23. Imħaddem dan kollu għall-każ tal-lum, din il-Qorti mingħajr ebda tħassib żejjed tgħid li t-tilwima mressqa mill-avukat Alfred Grech *nomine* hija waħda li taqa' fil-kompetenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera.

24. Huwa ċar li l-ilment dwar in-nuqqas ta' aċċess imressaq mill-attur *nomine* jinsab imnissel mill-kuntratt ta' kiri li ġie ffirmat bejn Daniela Finardi u Raymond Grech fl-1 ta' Frar, 2019. Mingħajr dan il-kuntratt ta' kiri, Daniela Finardi ma kien ikollha l-ebda bażi legali fuq xiex setgħet tiftaħ din il-kawża kontra l-konvenut. Dan għaliex il-jedd pretiż minn Daniela Finardi biex tokkupa l-post f'Għajnsielem u li tagħmel il-qligħ minn fuqu, joħroġ mill-kuntratt ta' kiri.

25. Din il-Qorti ma tistax taqbel għalhekk mal-appellat u mal-Ewwel Qorti li l-azzjoni għad-danni li ġiet imressqa fil-kawża tal-lum tinsab imsejsa fuq *culpa aquiliana*.

26. Bħalma ġie mfisser fis-sentenza ***Gaetano Spiteri pro et noe v. Thomas sive Tome Castle*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Iura fit-18 ta' Awwissu, 1965:

> *«Il-colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jiġi kaġonat f'rapport extra-kontrattwali, ċjoè tillimita ruħha għall-fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in ġenerali tan-"neminem laedere" kombinat man-negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodiċi mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra.»*

27. Meta jkun hemm kuntratt, bħalma hemm f'dan il-każ, il-ħtija tista' tkun *aquiliana* biss, meta l-għemil li jkun qiegħed jiġi ċċensurat ikun indipendenti u maqtugħ għalkollox mir-rapport kuntrattwali (ara ***Falzon Service Station Limited et pro et noe v. Il-Koporazzjoni EneMalta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020). Jekk iżda l-azzjoni għad-danni tkun imnissla min-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, allura l-ħtija tkun waħda kuntrattwali.

28. Fil-każ tal-lum, l-avukat Alfred Grech *nomine* qiegħed jallega fir-rikors maħluf tiegħu illi l-konvenut Raymond Grech abbużivament ċaħħad lil Daniela Finardi mill-jedd tagħha illi tgawdi u tinqeda bil-post mikri lilha minħabba li l-konvenut biddel is-serratura tal-bieb. Bil-liġi skont l-**Artikolu 1539(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, sid il-kera huwa obbligat, min-natura stess tal-kuntratt, u mingħajr ma jinħtieġ ebda ftehim speċjali illi jieħu ħsieb illi l-kerrej ikollu t-tgawdija bil-kwiet tal-ħaġa, għaż-żmien kollu tal-kirja.

29. Ifisser għalhekk, li jekk huwa veru dak li qiegħed jgħid l-avukat Alfred Grech *nomine* fir-rikors maħluf tiegħu, illi l-konvenut Raymond

Grech bħala sid il-kera ċaħħad lil Daniela Finardi milli tgawdi l-kirja, allura dan ifisser li l-konvenut jista' jiġi kkundannat li jagħmel tajjeb għad-danni kollha li ġarrbet Daniela Finardi bħala kerrejja minħabba li ma setgħetx tinqeda bil-fond mikri lilha (ara ***Joseph Pisani v. Arkitett u Inġinier Ċivili Godfrey Vella*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Diċembru, 2001).

30. Minn din il-perspettiva għalhekk l-azzjoni mressqa mill-avukat Alfred Grech *nomine* ma tista' qatt titqies bħala waħda ta' sura *aquiliana,* ladarba f'din il-kawża huwa qiegħed jixli lill-konvenut appellant talli naqas mill-obbligu legali tiegħu illi jqis li Daniela Finardi tgawdi l-kirja bil-kwiet.

31. Il-fatt imbagħad li f'din il-kawża l-avukat Alfred Grech *nomine* qiegħed ifittex għall-ħlas ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* ma jbiddilx in-natura tal-kawża minn waħda ta' bixra kuntrattwali għal waħda ta' għamla *aquiliana*. Dan għaliex ukoll f'każ ta' ħtija kuntrattwali, id-danni li wieħed jista' jitlob taħt l-**Artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili** jinkludu kemm it-telf immedjat u dirett li wieħed ikun bata, kif ukoll il-qligħ li jkun ġie mtellef.

32. Minħabba f'hekk din il-Qorti qiegħda ssib li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Raymond Grech dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione*

*materiæ* tal-qrati ordinarji hija waħda mistħoqqa. Tassew, ladarba t-tilwima f'din il-kawża titlob stħarriġ dwar jekk il-konvenut appellant bħala sid il-kera naqasx minn wieħed mill-obbligi tiegħu li joħorġu mil-liġi tal-kera u ladarba d-danni mitluba mill-attur *nomine* huma marbuta ma' allegat ksur ta' dan l-obbligu, allura skont l-**Artikolu 1525(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-każ ma jistax jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) iżda mill-Bord Li Jirregola l-Kera.

33. Għalkemm din il-Qorti qiegħda taqbel mal-eċċezzjoni tal-inkompetenza, dan ma jfissirx iżda li l-kawża għandha tieqaf hawn. Mod ieħor, dan ifisser li bit-tħaddim tal-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għandu jiġi ordnat li l-atti tal-kawża għandhom jiġu trasferiti lill-Bord Li Jirregola l-Kera sabiex dan jieħu dehen tal-kawża.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell, tħassar is-sentenza appellata u b'applikazzjoni tal-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, qiegħda tibgħat l-atti lill-Bord Li Jirregola l-Kera sabiex jisma' u jaqta' l-każ.

Fl-aħħar nett, peress li Daniela Finardi hija l-parti telliefa, il-Qorti qiegħda tordna bit-tħaddim tal-**Artikolu 223(1)** tal-**Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili** li Daniela Finardi għandha tbati l-ispejjeż kollha marbuta ma' din s-sentenza parzjali quddiem l-Ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti.

L-ispejjeż tal-kawża jistgħu jinġabru wkoll mingħand l-avukat Alfred Grech bħala l-mandatarju maħtur minnha skont l-**Artikolu 1005 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da